MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2013

Numru. 1323/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**Vs**

**Nutar Anthony Agius**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tan-Nutar Anthony Agius ta' hamsa u sittin (56) sena, bin Joseph u Agnes neè Schembri imwieled Qormi fid-19 ta' Marzu 1951 u residenti 7, Triq il-Mithna, Qormi, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 266951(M):

1. Talli fil-21 ta' Gunju 2007 fil-bini ta' l-Arkivji Notarili fil-Belt Valletta, fil-kapacità tieghu bhala nutar pubbliku u cioè ufficjal pubbliku illi fl-ezercizzju tad-dmirijiet tieghu ghamel falsifikazzjoni b'firem foloz jew b'tibdil f'atti, fi

skritturi jew b'kitba maghmula jew imnizzla f'registru jew f'atti pubblici ohra, wara li jkunu già ffurmati jew maghluqa ai termini ta' l-Artikolu 179 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi ikkommetta tali reat filwaqt li kien ufficjal pubbliku u b'hekk sar hati ta' reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi ai termini ta' l-Artikolu 141 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, il-Qorti tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ai termini ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja[1] u rat li waqt l-ezami l-imputat iddikjara li ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u wiegeb li ma huwiex hati ta' l-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu[2];

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni waqt is-seduta tal-25 ta' Lulju 2008 markati Dok. "MC2" u Dok. "MC3" a fol. 9 u 10 tal-process;

Semghet ix-xhieda tan-Nutar Cora Vella moghtija waqt is-seduta tal-25 ta' Lulju 2008[3] u rat id-dokument esebit minnha waqt l-imsemmija seduta markat Dok. "CV1" a fol. 15 sa' 17 tal-process, semghet ix-xhieda ta' l-Ispettur Maurice Curmi moghtija waqt is-seduti tat-12 ta' Novembru 2008[4], tad-29 ta' Dicembru 2008[5] u tas-6 ta' Mejju 2009[6] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati bhala Dok. "CMP1" a fol. 22 u 23 tal-process, Dok. "CMP2" a fol. 24 tal-process u Dok. "CMT1" a fol. 35 u 37 tal-process, semghet ix-xhieda ta' l-Ispettur Arthur Mercieca[7] u ta' PS 516 Alfio Borg[8] moghtija waqt is-

[1] Dok. "MC1" a fol. 8 tal-process.
[2] Fol. 11 tal-process.
[3] Fol. 12 sa' 14 tal-process.
[4] Fol. 19 sa' 21 tal-process.
[5] Fol. 33 u 34 tal-process.
[6] Fol. 43 sa' 45 tal-process.
[7] Fol. 25 u 26 tal-process.
[8] Fol. 28 u 29 tal-process.

seduta tat-12 ta' Novembru 2008 u rat id-dokument esebit mill-Ispettur Mercieca waqt l-imsemmija seduta markat u Dok. "AMP1" a fol. 27 tal-process, semghet ix-xhieda ta' David Percy Borg moghtija waqt is-seduta tat-2 ta' Marzu 2009[9], semghet ix-xhieda ta' Joseph Gauci moghtija waqt is-seduti tat-3 ta' Frar 2010[10] u tal-5 ta' Lulju 2010[11] u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "GSP1" a fol. 79 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Astrid Cassar Pace moghtija waqt is-seduta tal-5 ta' Mejju 2010[12] u rat id-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "ACP1" u Dok. "ACP2" a fol. 72 u 73 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Dr. Adrian Dingli moghtija waqt is-seduta tal-5 ta' Lulju 2010[13], semghet ix-xhieda ta' l-imputat moghtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Settembru 2012[14] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "NA1" sa' Dok. "NA4" a fol. 54 sa' 65 tal-process u Dok. "GV1" u Dok. "GV2" a fol. 93 u 94 tal-process;

Semghet it-trattazzjoni orali da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jigi akkuzat talli: (i) fil-21 ta' Gunju 2007 fil-bini ta' l-Arkivji Notarili fil-Belt Valletta, fil-kapacità tieghu bhala nutar pubbliku u cioè ufficjal pubbliku, illi fl-ezercizzju tad-dmirijiet tieghu ghamel falsifikazzjoni b'firem foloz jew b'tibdil f'atti, fi skritturi jew b'kitba maghmula jew imnizzla f'registru jew f'atti pubblici ohra, wara li jkunu già ffurmati jew maghluqa ai termini ta' l-Artikolu 179 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta; u aktar talli (ii) fl-istess data, lok u cirkostanzi ikkommetta tali reat filwaqt li kien ufficjal pubbliku u b'hekk sar hati ta' reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi ai termini ta' l-Artikolu 141 tal-

9 Fol. 39 sa' 41 tal-process.
10 Fol. 67 u 68 tal-process.
11 Fol. 77 u 78 tal-process.
12 Fol. 70 u 71 tal-process.
13 Fol. 75 u 76 tal-process.
14 Fol. 95 sa' 110 tal-process.

Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta. L-imputat jiddikjara li ma huwiex hati ta’ l-akkuzi dedotti kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni u jikkontendi li dan kollu sehh ghaliex l-Ufficjal Investigattiv ma fehemx id-differenza bejn l-att originali depozitat fl-Arkivji Notarili u r-registru mizmum minnu ai termini tal-Ligi, li kien id-dokument li effettivament gie iccarat permezz ta' Nota ta' l-Insinwa pprezentata fir-Registru Pubbliku fis-26 ta' Gunju 2007 minhabba d-diskrepanza li kien hemm bejn ir-registru u l-att originali.

Il-Prosekuzzjoni essenzjalment qed takkuza lill-imputat li fil-21 ta’ Gunju 2007 filwaqt li kien qieghed fl-Arkivji Notarili jivvizjona kuntratt – senjatament il-kuntratt fl-atti tieghu stess datat 25 ta’ April 1995[15] – huwa zied fuq dak il-kuntratt, li huwa l-kuntratt originali, bhala postilla numru 7 il-kelma “Company” bejn il-kliem “Tal-Bahrija” u “Limited” u dana in vjolazzjoni tal-Ligi u senjatament in vjolazzjoni ta’ l-Artikoli 149 u 171 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta. In sostenn u bi prova ta’ l-akkuzi dedotti kontra l-imputat il-Prosekuzzjoni ressqet bhala xhieda lill-Ispettur Maurice Curmi - l-Ufficjal Inestigattiv, lin-Nutar Cora Vella - in-Nutar tal-Gvern li ghamlet ir-rapport lill-Pulizija, lill-Ispettur Arthur Mercieca, lil PS 516 Alfio Borg u lil David Percy Borg - l-impjegat ta' l-Arkivji Notarili li ghamel ir-rapport man-Nutar Cora Vella, u ipproduciet diversi dokumenti fosthom vera kopja tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Agius datat 25 ta’ April 1995[16], l-istqarrija ta’ l-imputat rilaxxjata fit-3 ta’ Lulju 2007[17], stills mis-sistema ta’ CCTV cameras fl-Arkivji Notarili[18], vera kopja ta’ kopja tar-registru relattiv ghall-kuntratt datat 25 ta’ April 1995 elevata mill-pussess ta’ l-imputat[19] u r-ricevuta relattiva rilaxxjata minn PS 824 Arthur Mercieca, illum Spettur[20].

L-imputat kategorikament jichad li kiteb fuq l-original tal-kuntratt fl-atti tieghu stess datat 25 ta’ April 1995 u jghid li

---

15 Dok. “DCV1” a fol. 15 sa’ 17 tal-process.
16 *Ibid.*
17 Dok. “CMP1” a fol. 22 u 23 tal-process.
18 Fol. 24 tal-process.
19 Dok. “CMT1” a fol. 35 sa’ 37 tal-process.
20 Dok. “AMP1” a fol. 27 tal-process.

huwa semplicement ha notament fuq bicca karta peress illi rrizultalu li l-kuntratt originali u r-registru fil-pussess tieghu – li ai termini tal-Ligi ghandu jkun kopja fedele ta' l-original li tinzamm min-Nutar – ma kienux jaqblu u ghalhekk kien jehtieg jaghmel korrezzjoni ghar-registru permezz ta' Nota ta' l-Insinwa. In sostenn tad-difiza tieghu l-imputat ghazel li jixhed huwa stess u ressaq bhala xhieda lil Joseph Gauci - rapprezentant tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, lil Astrid Cassar Pace - rapprezentant ta' l-MFSA u lil Dr. Adrian Dingli, u pproduca diversi dokumenti fosthom zewg kuntratti fl-atti tieghu stess datati 7 ta' Frar 2007[21], Nota ta' l-Insinwa relattiva ghall-kuntratt datat 25 ta' April 1995 ipprezentata fir-Registru Pubbliku fis-26 ta' Gunju 2007[22], ir-ricevuta rilaxxjata minn PS 824 Arhtur Mercieca meta gie elevat it-registru mill-pussess tieghu[23], ritratt tal-lapes li kellu fuqu fil-21 ta' Gunju 2007 u li bih kien qed jaghmel in-notamenti fuq bicca karta fir-rigward tad-diskrepanza li rrizultatlu bejn il-kuntratt originali u r-registru tieghu[24], il-Memorandum & Articles of Association tas-socjetà Tal-Bahrija Company Limited[25] u ricerka dwar socjatiet ohra li fiz-zmien pertinenti kellhom f'isimhom il-kelma "Bahrija"[26] kif ukoll dokument mahrug mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni dwar id-dettalji ghal skopijiet ta' taxxa relattivi u pertinenti ghas-socjetà Tal-Bahrija Company Limited.

Waqt it-trattazzjoni orali l-Prosekuzzjoni ssottomettiet li mill-provi prodotti quddiem il-Qorti jirrizulta li n-Nutar tal-Gvern, ossia n-Nutar Cora Vella, ghamlet rapport mal-Pulizija fir-rigward ta' l-imputat dwar tbaghbis da parte ta' l-istess imputat f'kuntratt depozitat fl-Arkivji Notarili, ossia fil-kuntratt fl-atti ta' l-imputat stess datat 25 ta' April 1995. Ir-rapport kien fis-sens illi l-imputat zied postilla fuq il-kuntratt originali biex jikkoregi zball li kellu fil-kuntratt u dana minflok ma ghamel il-procedura rikjesta mill-Ligi ghall-korrezzjoni ta' zbalji f'kuntratti pubblici. Il-Prosekuzzjoni ssottomettiet ukoll illi l-imputat ma cahadx li

21 Dok. "NA1" u Dok. "NA2" a fol. 54 sa' 61 tal-process.
22 Dok. "NA3" a fol. 62 sa' 64 tal-process.
23 Dok. "NA4" a fol. 65 tal-process.
24 Dok. "GV1" a fol. 94 tal-process.
25 Dok. "ACP1" a fol. 72 tal-process.
26 Dok. "ACP2" a fol. 73 tal-process.

ghamel hekk anzi ammetta li kien zied kelma fuq il-kuntratt depozitat fl-Arkivji Notarili w iggustifika l-azzjoni tieghu bl-iskuzanti li l-korrezzjoni minnu effettwata ma kenitx daqshekk kbira.

Mix-xhieda tan-Nutar Cora Vella[27] u mix-xhieda ta' l-Ispettur Maurice Curmi[28] jirrizulta konfermat li n-Nutar Vella ghamlet rapport mal-Fraud Sqaud fil-konfront ta' l-imputat fuq allegat tbaghbis ta' kuntratt pubbliku depozitat fl-Arkivji Notarili. Minn din l-istess xhieda jirrizulta li kemm in-Nutar Vella kif ukoll l-Ispettur Curmi jghidu li l-imputat ammetta maghhom li huwa kien zied kelma fuq il-kuntratt li kien qed jigi vizjonat minnu gewwa l-Arkivji **izda** jirrizulta wkoll li tali allegata konfessjoni saret minghajr ma l-imputat inghata t-twissija da parte ta' l-Ispettur Curmi. In effetti n-Nutar Vella tghid illi *xi zmien wara* [li hija kienet ghamlet ir-rapport al-Fraud Squad fil-konfront ta' l-imputat] *l-Ispettur Maurice Agius* [recte: Curmi] *kien gie l-ufficju tieghi akkumpanjat minn Nutar Anthony Agius u nghid illi n-Nutar Anthony Agius kien ammetta mieghi li huwa kien zied gewwa l-volum li huwa kien talab dakinhar. Zied kelma Company u kien ghamel postilla. Ghalhekk hu kien ghamel postilla biex izid il-kelma company f'kuntratt tal-25 ta' April 1995 liema kuntratt kien ghamel huwa stess bhala Nutar. Inzid nghid ukoll li kien l-istess Nutar Anthony Agius li lili indikali proprju f'liema kuntratt kien ghamel din il-postilla. … Qed nigi mistoqsija meta l-imputat kien urieni l-kuntratt partikolari u ammetta li kien zied postilla, nghid illi quddiemi l-istess l-ispettur Maurice Curmi lill-imputat ma kienx tah twissija skond il-Ligi.* L-istess Spettur Curmi in kontro-ezami waqt is-seduta tas-6 ta' Mejju 2009[29] xehed illi *jiena kont kellimt lilll-imputat in-Nutar Anthony Agius wara illi n-Nutar Cora Vella lili kienet ghamlitli r-rapport. Nixtieq nghid illi jiena n-Nutar Anthony Agius, l-imputat prezenti fl-awla, kont kellimtu xi gimghatejn wara illi kien dahalli r-rapport minn Nutar Cora Vella. Jiena lill-imputat kont baghat ghalih, kien gie l-ufficju u dan gie fit-3 ta' Lulju tas-sena 2007. Jiena kont staqsejtu ghal xiex kien*

[27] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-25 ta' Lulju 2008, fol. 12 sa' 14 tal-process.
[28] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-12 ta' Novembru 2008, fol. 19 sa' 21 tal-process.
[29] Xhieda moghtija waqt is-seduta tas-6 ta' Mejju 2009, fol. 43 sa' 45 tal-process.

*mar l-Arkivju u hu spjegali ghal xiex kien mar l-Arkivju. Qed nigi mistoqsi mid-Difiza meta f'din l-okkazzjoni kont saqsejt lil Nutar Agius meta kien mar l-Arkivju l-ahhar u ghal xiex mar jien, nghid jien dak il-hin ma kontx tajtu twissija skont il-Ligi.*

Fid-dawl ta' dan il-fatt u cioè li din l-allegata konfessjoni ta' l-imputat saret minghajr ma qabel l-istess imputat inghata t-twissija skond il-Ligi, il-Qorti ghandha tiddetermina jekk tali allegata konfessjoni hijiex ammissibbli jew le bhala prova kontra l-imputat.

Huwa principju assodat li *hija regola kardinali tal-process kriminali li l-konfessjoni tal-hati hija l-"prova regina" u ma jistax ikollok prova aqwa minnha, dment li din tkun saret volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid jew b'biza, jew b'weghdiet jew bi twebbil ta' vantagg[30] … u kull haga li l-imputat jew l-akkuzat jistqarr, sew bil-miktub kif ukoll bil-fomm, tista' tittiehed bi prova kontra tieghu[31]*. Huwa principju daqstant iehor assodat illi kemm-il darba konfessjoni moghtija minn suspettat tkun hekk inghatat **qabel** ma l-istess suspettat jinghata t-twissija skond il-Ligi, il-volontarjetà ta' dik it-twissija titqieghed fid-dubbju u b'hekk jitqieghed fid-dubbju wkoll jekk il-konfessjoni tistax u bhala fatt ghandhiex titqies bhala ammissibbli.

F'dan ir-rigward issir referenza ghal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Carmelo sive Charles Tabone,** deciza fis-17 ta' Jannar 1995: *fil-process penali wiehed mill-principji fondamentali huwa li l-imputat ghandu d-dritt li jibqa' sieket u l-ligi tizgura li huwa jigi mgharraf b'dan id-dritt tieghu sa' mill-bidu nett tal-process[32]. Minn dan il-principju li kif inghad japplika ghall-process penali, fis-sistema taghna sa' mis-snin 30 dahlet il-prattika li anke fil-fazi ta' l-investigazzjonijiet il-pulizija twissi ll dak li jkun ser jigi itnerrogat li jista' jaghzel li ma jitkellimx. Jidher ukoll li*

30 Sottolinear tal-Qorti.
*31* Il-Pulizija (Spettur N. Harrison) v. Richard Borg, Appell Nru. 191/01 deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-18 ta' Settembru 2002.
32 Sottolinear ta' din il-Qorti.

*din il-prattika giet introdotta f'Malta fuq l-iskorta ta' Rule II tal-Judges Rules vigenti fl-Ingilterra dak iz-zmien. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali minn sentenzi tal-Qrati tal-Magistrati fis-sentenza taghha in re* ***Il-Pulizija vs Mifsud*** *deciza fl-20 ta' Ottubru 1955, kienet qalet hekk: L-esperjenza mill-1930 'l hawn turi li fil-prezent l-ammoniment qed isir daqslikieku kien obbligu b'ligi u huwa sewwa u desiderabbli li jitkompla jsir biex jigu evitati kwistjonijiet u dubbji". Sussegwentement permezz ta' Rule IV tal-General Orders No.5 ta' l-1961, il-Kummissarju tal-Pulizija ta' dak iz-zmien ordna li kull ufficjal tal-Korp Malti kellu d-dover "to caution a suspect in the following terms: "You are not obliged to say anything unless you wish to do so, but whatever you say will be taken down in writing and may be given in evidence". Skond Rule 3, ukoll "persons in custody should not be questioned without the usual caution being first administered". Issa huwa veru li tezisti gurisprudenza li tirritjeni li l-konfessjoni ta' l-imputat hija ammissibbli avolja ma jkunx sar lill-imputat l-ammoniment li jista' ma jirrispondix ghad-domandi li jsirulu – ara per ezempju* ***Rex vs Briffa*** *tas-7 ta' Novembru 1930 (Qorti ta' l-Appell Kriminali),* ***Il-Pulizija vs Edward Mifsud*** *ta' l-20 ta' Ottubru 1955 (Qorti ta' l-Appell Kriminali) u* ***Il-Pulizija vs A. Cassar*** *tat-30 ta' Novembru 1978 (Qorti ta' l-Appell Kriminali). Jigi notat li din l-ahhar sentenza nghatat wara li l-Kummissarju tal-Pulizija kien hareg l-ordni li ssemmiet. F'dik l-okkazzjoni l-Qorti ppresjeduta mill-Onor. Imhallef Oliver Gulia kienet qalet "L-effett tal-caution huwa li f'hafna kazi telimina kwistjonijiet li jistghu jinqalghu dwar il-volontarjetà ta' l-istess stqarrija, izda darba jirrizulta – oneru ta' prova dan li jaqa' fuq il-prosekuzzjoni – illi l-istqarrija tkun ittiehdet volontarjament fis-sens tar-rekwizit ta' l-artikolu 654 tal-Kodici Krimiali, tista' tittiehed bi prova kontra min ikun stqarrha". Jidher li anke fl-Ingilterra l-posizzjoni kienet l-istess fis-sens illi anke fl-assenza tal-caution, konfessjoni setghet tkun ammissibbli bhala prova jekk moghtija volontarjament (****Bourdeau vs R*** *(1949).* <u>*Però, man mano li komplew jizviluppaw il-kuncetti ta' fair trial u bl-introduzzjoni tal-Codes of Practice tal-Pulizija Ingliza, is-sitwazzjoni xi ftit jew wisq tbiddlet u fit-termini ta' l-artikolu 67(11) tal-Police and Criminal Evidence Act, 1984, il-fatt tan-nuqqas ta' caution hija wahda mill-fatturi li*</u>

*ghandha tittiehed in konsiderazzjoni biex jigi deciz il-konfessjoni hiex ammissibbli jew le. Din il-Qorti bla tlaqliq tafferma li temmen li jekk mill-atti processwali jirrizulta ab initio illi l-persuna suspettata, aktar u aktar jekk tkun taht arrest, tkun giet interrogata minghajr ma tkun giet informata li tista' taghzel li ma tinkriminax ruhha, dik il-konfessjoni hija min-natura taghha stess suspetta ghal dik li hija volontarjetà talment li din il-Qorti thoss li jkun perikoluz li tingieb a konjizzjoni ta' min ghandu jiggudika fuq il-fatti….*[33]

Fil-kaz in ezami l-Ispettur Curmi ma kellu ebda skuza ghalfejn jibda jinterroga jew ta' l-inqas jaghmel mistoqsijiet inkriminati lill-imputat minghajr qabel ma jaghtih it-twissija skond il-Ligi u dana billi sa' mill-bidunett ta' l-investigazzjonijiet tal-Pulizija s-suspettat principali, anzi l-uniku suspettat, kien appuntu l-imputat stante li r-rapport da parte tan-Nutar Cora Vella sar direttament fil-konfront ta' u kontra l-istess imputat. Fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti tqis li f'dan il-kaz in kwantu rigwarda l-allegata konfessjoni ta' l-imputat quddiem l-Ispettur Curmi u n-Nutar Cora Vella, ghandha tapplika l-principju enuncjat mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fil-precitata sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta v. Carmelo sive Charles Tabone** u b'hekk tikkonsidra li l-allegata konfessjoni moghtija mill-imputat hija min-natura taghha stess suspetta ghal dik li hija volontarjetà u ghaldaqstant mhux ammissibbli bhala prova kontra tieghu.

Waqt it-trattazzjoni orali il-Prosekuzzjoni ssottomettiet li meta l-Ispettur Curmi baghat ghall-imputat ma kellux ghalfejn jispjegalu f'wisq dettal ghalfejn baghat ghalih peress illi huwa (ossia l-imputat) bniedem li studja l-Ligi. Il-Qorti bl-iktar mod assolut ma tistax taccetta din it-tip ta' sottomissjoni u wisq inqas tista' taccettaha fil-kuntest tal-fatt li lill-imputat ma nghatax it-twissija skond il-Ligi mill-ewwel mument li l-Ispettur Curmi beda jaghmillu d-domandi. Semplicement ghaliex l-imputat huwa bniedem li studja l-Ligi u jipprattika l-Ligi bi professjoni ma jfissirx li jista' jigi diskriminat fis-sens illi d-drittijiet tieghu ma jigux

[33] Sottolinear ta' din il-Qorti.

mgharrfa lilu mill-ewwel stadji ta' l-investigazzjonijiet fil-konfront tieghu. Il-fatt li huwa studja l-Ligi u jipprattika l-Ligi bi professjoni bl-ebda mod ma jezenta lill-Pulizija milli taqdi id-doveri taghha fil-parametri tar-rispett shih lejn id-drittijiet ta' l-imputat appuntu *qua* imputat.

Apparte dan kollu osservat id-dubju dwar il-volontarjetà ta' l-allegata konfessjoni da parte ta' l-imputat ikopmli jissahhah fid-dawl tal-fatt li una volta li l-imputat effettivament inghata t-twissija skond il-Ligi u b'hekk gew spjegati lilu d-drittijiet tieghu *qua* persuna suspettata, ghazel li ma jirrispondix – kif fil-fatt kellu kull dritt jaghmel – ghal dawk id-domandi li kjarament kienu inkriminanti. Fix-xhieda li ta waqt is-seduta tat-12 ta' Novembru 2008[34] l-Ispettur Maurice Curmi xehed illi *ghalhekk wara* [ossia wara li hu u l-imputat marru fl-ufficju tan-Nutar Cora Vella] *morna l-ufficju ergajt u wara li tajtu s-solita twissija dan imbaghad ghazel li ma jwiegeb ghal ebda domanda li kont ghamiltlu u sussegwentement kont baghat ghas-Surgent, dak iz-zmien is-Surgent Arthur Mercieca biex jeleva d-dokument li kellu fl-ufficju tieghu* u in kontro-ezami waqt is-seduta tas-6 ta' Mejju 2009[35] l-Ispettur Curmi tenna li *jiena nikkonferma bil-gurament tieghi li l-imputat kien inghata twissija skont il-Ligi rigwardanti din l-istqarrija* [Dok. "CMP1" a fol. 22 u 23 tal-process]. *Nghid illi nikkonferma wkoll li l-imputat din l-istqarrija kien irrilaxxaha b'od volontarju u kien ghazel li ma jiffirmax din l-istqarrija. Nikkonferma wkoll li l-imputat n-Nutar Anthony Agius qed naghrfu bhala l-istess persuna li rrilaxxjat din l-istqarrija. Nghid illi f'dina l-istqarrija hafna mid-domandi li saru lill-imputat dan kien ghazel li a jirrispondihomx*.

Il-Qorti tosserva li l-imputat kellu kull dritt li jibqa' sieket u ma jwegibx ghall-mistoqsijiet inkriminanti li kienu qed isirulu mill-Ispettur Curmi u s-skiet tieghu ma jistax iwassal ghal xi forma ta' inferenza ta' htija. Kif osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Ellul, Numru 10/01** deciza fis-17 ta' Marzu 2005, *meta akkuzat, waqt li jkun qed jigi interrogat mill-Pulizija, jaghzel li ma jwegibx ghall-mistoqsijiet li*

34 Fol. 19 sa' 21 tal-process.
35 Fol. 43 sa' 45 tal-process.

*jsirulu, jew ghal xi mistoqsija wahda jew izjed, ebda inferenza ta' htija ma tista' tingibed mis-semplici fatt ta' dak is-silenzju, u dan ghar-raguni li l-ezercizzju ta' dritt li sa' llum ghadu ma giex b'ebda mod kwalifikat (f'dan il-kaz id-dritt li ma jwegibx, kif normalment ikun gie infurmat proprju bil-ghoti tal-"caution") ma jistax jissarraf fi pregudizzju ghal dak li jkun*. Ghalkemm bid-dhul fis-sehh fil-Ligi taghna ta' l-Artikoli 355AT u 355AU tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikoli dahlu fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010, il-jedd li imputat jibqa' sieket u ma jwegibx ghal mistoqsijiet li jsirulu ma baqghax assolut u bla kondizzjonijiet, dak provdut fl-imsemmija artikoli tal-Ligi ma japplikax fil-kaz in ezami stante li l-istqarrija in kwistjoni giet rilaxxjata mill-imputat fit-3 ta' Lulju 2007, ossia zmien ferm qabel ma dahlu fis-sehh l-artikoli appena indikati.

Stabbilit ghalhekk li l-allegata konfessjoni ta' l-imputat ma hijiex ammissibbli bhala prova kontrih u li ebda inferenza ta' htija ma tista' tintliset kontrih mis-skiet tieghu ghad-domandi li sarulu mill-Ispettur Curmi meta rrilaxxja l-stqarrija fit-3 ta' Lulju 2007, il-Qorti jehtigilha issa tiddetermina jekk il-Prosekuzzjoni ressqitx provi ohra li jippruvaw oltre kull ragjonevoli dubju li l-imputat huwa effettivament hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Mix-xhieda tan-Nutar Cora Vella jirrizulta li ghalkemm hija ghamlet rapport kontra l-imputat, hi personalment ma ratx lill-imputat izid kelma jew kliem fuq l-original tal-kuntratt fl-atti ta' l-imputat stess datat 25 ta' April 1995 izda, ghamlet ir-rapport wara li impjegat ta' l-Arkivji Notarili rrappurtalha dak li a sua volta gie rappurtat lilu. Waqt is-seduta tal-25 ta' Lulju 2008[36] in-Nutar Vella iddikjarat *nghid li kien tela' wiehed mill-istaff ta' l-Arkivju u dana ghandu isem David u kunjomu Borg u dan qalli biex ninzel malajr ghaliex xi hadd kien ra Nutar li kien qed jikteb gewwa volum. Jien inzilta l-Arkivju. Saqsejt min kien in-Nutar u kienu qaluli li kien in-Nutar Anthony Agius. In-Nutar Agius kien lahaq telaq mill-post.*

[36] Fol. 12 sa' 14 tal-process.

L-impjegat in kwistjoni huwa David Percy Borg illi xehed waqt is-seduta tat-2 ta' Marzu 2009[37], izda mix-xhieda tieghu jirrizulta li lanqas huwa stess ma ra lill-imputat jikteb xi haga fuq l-original tal-kuntratt in kwistjoni izda kien Nutar iehor li qallu li ra lill-imputat jikteb xi haga fuq kuntratt originali: *jien kont qieghed nahdem fl-Arkivju Notarili gewwa Hastings, it-Triq jisimha Triq Mikiel Anton Vassallo u kont qieghed ingib il-kotba. U nghid dahal Nutar, ma nafx x'kien jismu. Dana gibidli l-attenzjoni li Dr. Agius kien kiteb fuq kuntratt. Nghid li dan in-Nutar kien irreferieni ghal Nutar Anthony Agius li qieghed naghrfu prezenti fl-Awla. Jien ghalhekk mort u kellimt lin-Nutar lil Dr. Vella li hija d-Direttur. Imbaghad id-Direttur in-Nutar Cora Vella nizlet mieghi u nghid però meta wasalna fuq il-post in-Nutar li lili gie jirreferini dwar in-Nutar Anthony Agius ma kienx hemm u lanqas jidhirli ma kien hemm ukoll l-imputat. … Fuq domanda li qed issirli mid-Difiza jekk jiena nafx x'jismu n-Nutar li gie jirrapporta l-imputat jew smajt lil xi hadd jghid isem dan an-Nutar li gie jirrapporta nghid li le. Nghid illi jiena dan in-Nutar li kien qalli b'referenza ghall-imputat kien, li kien ra lin-Nutar jikteb fil-ktieb tal-kuntratti. Kif dan in-Nutar lili qalli dan, jien tlajt mill-ewwel nghid lid-Direttur tieghi.*

Ghal xi raguni li l-Qorti ma tistax tifhem il-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq bhala xhud lil dan in-Nutar li skond David Percy Borg kien ra lill-imputat jikteb xi haga fuq il-kuntratt originali depozitat fl-Arkivji Notarili. In effetti l-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha proprio bix-xhieda ta' David Percy Borg moghtija waqt is-seduta tat-2 ta' Marzu 2009. Ghalkemm l-Ispettur Maurice Curmi waqt it-trattazzjoni orali ssottometta li huwa jaf ben tajjeb min hu dak in-Nutar li allegatament ra lill-imputat jikteb fuq kuntratt originali – fatt dan li jekk inhu veru jirrendi n-nuqqas tal-Prosekuzzjoni li tressqu bhala xhud iktar gravi w inspjegabbli – u li dan in-Nutar kien avvicinah u kellmu dwar il-kaz, il-Qorti bl-ebda mod ma tista' tqis dak minnu dikjarat bhala prova valida w ammissibbli dwar il-htija ta' l-imputat ghall-akkuzi dedotti kontra tieghu. Jibda biex jinghad illi fi proceduri kriminali l-prova permezz ta'

---

[37] Fol. 39 sa' 41 tal-process.

*hearsay evidence* ma hijiex ammissibbli hlief f'cirkostanzi eccezzjonali[38] – li certament ma huwiex il-kaz fil-kaz in ezami – u fi kwalunkwe kaz huwa principju assodat fis-sistema guridika nostrali – li allura japplika wkoll fi proceduri ta' natura kriminali – li dak li jinghad mid-difensuri fit-trattazzjoni orali jew skritta ma jikkostitwixxix prova[39].

Il-Prosekuzzjoni tipprova tikkorobora x-xhieda tan-Nutar Cora Vella u ta' David Percy Borg b'erba' stills mehuda mis-sistema ta' CCTV cameras ta' l-Arkivju Notarili, liema stills gew esebiti bhala Dok. "CMP2" a fol. 24 tal-process. Fir-rigward tas-sistema ta' CCTV cameras in-Nutar Cora Vella iddikjarat li *jiena mort nara is-CCTV footage u minn dan il-footage illi n-Nutar Anthony Agius kien qed jidher qed jikteb fuq volum li kien volum ta' l-istess Nutar li kien depozitat fl-Arkivju u nghid ukoll li jiena kont iccekjajt u nnutajt illi fil-fatt irrizulta li n-Nutar Agius kien talab ghal volum wiehed biss*[40]. L-Ispettur Maurice Curmi da parte tieghu ddikjara li *jiena ftit wara* [ossia ftit wara li rcieva r-rapport minghand in-Nutar Cora Vella] *mort fuq il-post u tkellimt man-Nutara Cora Vella u qaltli b'dak kollu li kien gara regghet u taghtni, ghaddietli kopja tal-footage tal-filmat li kienu hadulu. Jiena però dak il-hin ma stajniex naraw ezatt il-volum, il-volum kien voluminuz u ma stajniex naraw ezatt x'seta baghbas dan minhabba li ma kellniex dik l-informazzjoni sa' dan it-tant. Jiena dan il-filmat kont ghaddejtu lil PC 510 Alfio Borg tal-FSL u minnu kien hareg xi print fejn l-imputat kien jidher jikteb xi haga fuq dan il-volum li kellu quddiemu*[41].

B'referenza ghad-dokument Dok. "CMP2" a fol. 24 tal-process, li huma l-istills li gew esebiti mill-Prosekuzzjoni, l-imputat gharaf lilu nnifsu fl-istills in kwistjoni[42] u huwa veru

---

[38] Il-Majesta tieghu r-Re v. Karmnu Vella, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-3 ta' Dicembru 1947 – Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta, Vol. XXXIIIF – iv – 547.

[39] Josephine mart Vincent Sammut v. Lorenzo Agius et, Citaz. Nru. 367/93 deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Frar 2001.

[40] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-25 ta' Lulju 2008, fol. 12 sa' 14 tal-process.

[41] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-12 ta' Novembru 2008, fol. 19 sa' 21 tal-process.

[42] Xhieda moghtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Settembru 2012, fol. 95 sa' 110 tal-process.

li minnhom jidher car li huwa qed jara u jikkonsulta kuntratt fl-Arkivji Notarili u li ghandu xi haga f'idu – fis-sens ta' biro jew lapes, ghalkemm l-imputat jikkontendi li huwa lapes[43] - izda mill-istess stills il-Qorti ma tistax tikkonkludi b'certezza li l-imputat effettivament qed jikteb xi haga u tanto meno li qed jikteb fuq il-kuntratt originali kif allegat mill-Prosekuzzjoni u mhux li qed jiehu notamenti fuq bicca karta kif invece affermat mill-imputat fix-xhieda li huwa ta quddiem il-Qorti waqt is-seduta ta' l-10 ta' Settembru 2012[44]. Fic-cirkostanzi ghalhekk lanqas dawn l-istills ma jippruvaw oltre kull dubju ragjonevoli li l-imputat huwa hati ta' l-akkuzi dedotti kontra tieghu.

Il-Prosekuzzjoni tressaq zewg provi ohra li fil-fehma taghha jikkostitwixxu prova oltre kull ragjonevoli dubju li dakinhar tal-21 ta' Gunju 2007 l-imputat effettivament kiteb fuq il-kuntratt originali depozitat fl-Arkivju Notarili tal-Gvern u dawn huma vera kopja tal-kuntratt fl-atti ta' l-imputat datat 25 ta' April 1995[45] minn liema jirrizulta li hemm il-kelma "Company" mizjuda wara l-kelma "Tal-Bahrija" permezz ta' postilla enumerata 7, u vera kopja tar-registru mizmum mill-imputat relattiv ghall-kuntratt imsemmi[46] minn liema jirrizulta li wara l-kelma "Tal-Bahrija" ma hemmx il-kelma "Company". Fil-fehma tal-Qorti però dawn iz-zewg dokumenti bl-ebda mod ma jikkostitwixxu prova li ghandha twassalha ghac-certezza li l-imputat huwa effettivament hati tar-reati addebitati lilu mill-Prosekuzzjoni u mhux invece li mal-vizjoni tal-kuntratt originali gewwa l-Arkivji Notarili l-imputat ikkonferma d-diskrepanza li kellu fir-registru mizmum minnnu, fis-sens illi l-kelma "Company" wara l-kelma "Tal-Bahrija"  li kienet fl-original tal-kuntratt kienet nieqsa fir-registru, liema konferma wasslitu biex jipprezenta n-Nota ta' l-Insinwa fis-26 ta' Gunju 2007 fejn indika li fin-Nota ta' l-Insinwa originali isem is-socjetà "Tal-Bahrija Company Limited" gie erronejament indikat bhala "Tal-Bahrija Limited".

---

[43] Xhieda moghtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Settembru 2012, fol. 95 sa' 110 tal-process u Dok. "GV1" a fol. 93 tal-process.
[44] Fol. 95 sa' 110 tal-process.
[45] Dok. "DCV1" a fol. 15 sa' 17 tal-process.
[46] Dok. "CMT1" a fol. 35 sa' 37 tal-process.

Minn ezami tal-provi kollha prodotti quddiemha l-Qorti hi tal-fehma li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tilhaq il-grad ta' prova minnha rikjest u cioè li l-imputat huwa hati ta' l-akkuzi dedotti kontra tieghu lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, u in oltre fuq bilanc ta' probabbilità huwa probabbli li seta' gara dak affermat mill-imputat fix-xhieda tieghu kif korroborat mic-cirkostanzi tal-kaz. B'hekk jirrizulta li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija ta' l-imputat u l-Qorti ghalhekk hija obbligata tillibera lill-istess imputat mill-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu.

Din il-konkluzzjoni hi msahha bil-principju enuncjat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Pulizija v. Peter Ebejer**, deciza fil-5 ta' Dicembru 1997: *Ta' min ifakkar hawnhekk li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-prosekuzzjoni. Ghamlet sew infatti l-ewwel qorti li ccitat b'approvazzjoni l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz "**Miller v. Minister of Pensions"** [1974] 2 All E.R. 372, ta' l-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt". "Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence "of course it is possible but not in the least probable" the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice".*

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tillibera lill-imputat mill-akkuzi kollha dedotti fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------